FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 01 TA' FRAR 2017

Il-Pulizija

Spettur Hubert Cini

vs

Kevin Galea

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta tal-identita' 479395M akkuzat talli:

1. fit-22 t'April 2014 fil-fond St Vincent De Paule fi Triq l-Ingiered Hal Luqa u f'dawn il-Gzejjer, seraq l-karozza Hyundai Getz ta' lewn Griz numru tar-registrazzjoni ANG 235 ghal valur komplessiv ta' aktar minn € 2329.37 ghad-detriment ta' Mario Buttigieg u Anthony Buttigieg, liema serq huwa aggravat bil-persuna, valur, u bix-xorta tal-haga misruqa u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 267, 268, 271(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-istess data, lok u cirkostanzi xjentement xtara jew laqa ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li kien indahal biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-Artikoli 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat ix-xhieda;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 261, 267, 268, 271(g)tal-Kap 9, l-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddeciedi: li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 11 tal-Kap 446 tikkundannah ghal 40 siegha servizz fil-komunita'.

Il-Qorti spjegat lill-imputat r-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M. Trigona

Magistrat